MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 4/2014

**A B**

**vs**

**C D E, F D**

**u Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tas-7 ta' Lulju 2014**

**gie kjamat in kawza il-minuri G D u bl-istess digriet il-konvenuta**

**C D E gie nominata kuratrici ad litem tal-istess minuri**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-attur A B kellu relazzjoni intima mal-konvenuta C D E mill-liema relazzjoni twieled il-minuri G D nhar is-sbatax (17) tal April tas-sena elfejn u tlettax (2013);

2. Illi kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid li jgib in-numru progressiv ta’ registrazzjoni 2026/2013, fis-17 ta' April, 2013, il-konvenuta C D E weldet tarbija ta’ sess maskili bl-isem ta’ G D u l-attur sar jaf b'dan ghaliex kienet il-konvenuta C D E stess li nfurmatu bit-twelid tal-wild;

3. Illi l-minuri G D gie sottopost ghat-test tad-DNA sabiex jigi stabbilit b'mod definittiv il-paternita tieghu;

4. Illi minn dan it-test, irrizulta b'mod definittiv illi l-missier naturali tal-minuri G D huwa l-attur A B, u mhux il-konvenut F D, u dan skond kopja tar-rapport relattiv;

5. Illi fl-istess perjodu meta l-attur A B u l-konvenuta C D E kellhom din ir-relazzjoni, l-istess konvenuta kienet mizzewga lill-konvenut F D;

6. Illi madanakollu, fuq l-Att tat-TweIid tal-minuri G D, il-missier gie registrat b'isem F D, hekk kif jidher minn kopja ta' l-estratt ta' l-Att tat-Twelid, u dan ai termini ta' l-Artikolu 280 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi tenut kont dak kollu hawn fuq premess, jirrizulta car illi l-minuri G D ma jippossjediex stat ta' filjazzjoni in konformita ma' l-Att tat-Twelid tieghu;

8. Illi l-attur perrnezz ta' din il-kawza qieghed jitlob sabiex tigi sostitwita l-parti fejn tindika "F D" u tigi mibdula biex tindika lil attur bhala l-missier bilogiku tal-minuri G D;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-minuri G huwa effettivament wild l-attur A B u l-konvenuta C D E.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru PubbIiku sabiex jeffettwa d-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 2026/2013 tal-minuri G, fis-sens illi taht il-kolonna fejn hemm indikat isem il-missier, l-isem 'F D' jigi sostitwit bl-isem ‘A B', kif ukoll jigu nkluzi l-konnotati ta' l-attur fuq l-imsernmi Att fil-parti fejn taqra: "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija”, "Professjoni, sengha jew stat iehor", "eta", "fejn twieled",

"fejn joqghod", u "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" u kull dettal iehor li tordna din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha issottometta u eccepixxa s-segwenti.

1. Illi preliminarjament huwa indispensabbli ghall-integrita tal-gudizzju li jigi msejjah fil-kawza l-minuri G D li ghandu jkun debitament rapprezentat minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti, skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi qed jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri G D l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors gurarnentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jinvita lill- attur A B sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-eta tieghu meta twieled il-minuri G D, (2) il-post tat-twelid tieghu, (3) il-post tal residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (4) isem u kunjom ta' missieru u (5) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled il-minuri. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit F D bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 2026 tas-sena 2013;

4. Illi bla hsara ghal premess, l-partijiet kontendenti gliandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi gliemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeglidin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota tal-attur tal-4 ta' Lulju 2014 li permezz taghha ipprovda l-konnotati kollha tieghu rilevanti ghall-finijiet tal-att dwar it-twelid tal-minuri.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Lulju 2014 li permezz tieghu ikkjamat in kawza lill-minuri G D u innominat lill-ommu l-konvenuta C D E bhala kuratrici ad litem tal-minuri.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**Provi**.

Gie ppruvat sodisfacentement illi fil-mument tal-koncepiment tal-minuri, l-attur kellu relazzjonijiet intimi mal-konvenuta. Il-konvenut D ipprezenta nota guramentata fejn iddikjara formalment illi huma jaccetta li l-minuri mhux ibnu.

Gie pprezentat ukoll DNA Paternity Test Report redatt minn Dr Marisa Cassar li jgib id-data tad-9 ta' Mejju 2013. Dan ir-rapport seta' jsir wara li ttiehdu kampjuni minn fuq il-persuna tal-attur, tal-minuri u ta' ommu.

Minn dan ir-rapport tirrizulta l-prova xjentifika illi l-minuri ma hux iben il-konvenut D izda iben l-attur A B.

**Konsiderazzjonijiet**.

Il-provvediment legali li fuqu hija msejsa l-kawza odjerna huwa

**Artikolu 77A tal-Kapitolu 16** :

*"kull min jghid li huwa l-missier naturali ta' tifel mwieled fiz-zwieg, jew il-werrieta tieghu, jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled it-tifel, jista jmexxi b'rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-mara, ir-ragel u t-tifel, jew il-werrieta rispettivi taghhom jekk xi hadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jigi dikjarat bhala l-missier naturali tat-tifel u dan jekk kemm–il darba huwa jirnexxilu jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju mieghu u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista; wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jeskludu lir-ragel taghha bhala l-missier naturali tat-tifel."*

**Artikolu 77C tal-Kapitolu 16**:-

*"F'kazijiet ta' dikjarazzjoni ta' paternita' il-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg, jew il mara skont il-kaz, jistghu jipproocedu b'kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternita jekk huma jressqu r-rikors guramentat taghhom fi zmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel:*

*Izda l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tista' wara li jsir rikors mill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew mill-mara u, jekk ikun possibli wara lt tkun semghet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tat-tifel, f'kull zmien tawtorizza lill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew lill-mara biex jibdew kawza ghal dikjarazzjoni ta' paternita kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77B"*

**Eccezzjonijiet tad-Direttur**.

L-ewwel eccezzjoni tad-Direttur li l-gudizzju mhux integru, ghalkemm fondata fiz-zmien li inghatat, illum il-gudizzju jinsab integru in kwantu l-minuri gie kjamant in  u huwa raprezentat f'dawn il-proceduri minn ommu.  Ghalhekk il-mertu tal-eccezzjoni illum jinsab sanat.

Fl-eccezzjonijiet l-ohra id-Direttur qed jitlob dettalji u partikolaritajiet tal-partijiet involuti ghall-eventwali inserzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri liema informazzjoni gie moghtija fil-mori tal-kawza kif fuq spjegat.

Ikkonsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Peress li l-kawza giet intavolata entro sitt xhur mill-jum tat-twelid tat-tarbija, mhux mehtieg li l-Qorti tindaga dwar il-pussess tal-istat tal-minuri u jekk dan jaqbilx mal-kontenut tal-att tat-twelid tieghu.

Gie ppruvat illi fiz-zmien tal-koncepiment tal-minuri l-attur kellu relazzjoni intima mal-konvenuta omm il-minuri. L-istess D llum jaccetta li ma hux iben it-tarbija.

Il-prova xjentifika imressqa permezz tar-rapport tad-DNA jelimina kwalunke dubju u jiccertifika b’mod inekwivoku li l-attur A B huwa l-missier bijologiku tal-minuri G.

Tenut kont tal-provi kollha migjuba l-Qorti hi tal-fehma li dak rikjest mill-artikoli 77A u 77C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta gie sodisfacentement ippruvat u jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi c-certifikat tat-twelid tal-istess minuri jigi korrett skond ir-rizultanzi processwali f’din il-kawza.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta tal-konvenut Direttur kif fuq spjegat;

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri G, iben il-konvenuta C D E, huwa il-wild bijologiku tal-attur A B u mhux tal-konvenut F D.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna li lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa d-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 2026/2013 tal-minuri G, fis-sens illi taht il-kolonna fejn hemm indikat isem il-missier, l-isem 'F D' jigi sostitwit bl-isem ‘A B', kif ukoll jigu nkluzi l-konnotati ta' l-attur fuq l-imsernmi Att fil-parti fejn taqra: "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija”, "Professjoni, sengha jew stat iehor", "eta", "fejn twieled", "fejn joqghod", u "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" billi jikkancella isem u l-konnotati tal-konvenut F D u minflok jinserixxi isem l-attur A B u l-konnotati kollha tieghu kif jirrizultaw min-nota pprezentata mill-attur fl-4 ta’ Lulju 2014.

Bl-ispejjez kontra l-attur u l-konvenuta C D E.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------